MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1982/2005

Emanuel sive Leli u Grace konjugi
Sultana, karta ta' l-identita` numru
160520(M) u 0894552(M) rispettivament

Vs

Paul Camilleri

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Dicembru 2005, fejn gie premess illi permezz ta' skrittura privata ffirmata bejn il-partjiet nhar it-30 ta' Marzu 2005 quddiem in-Nutar Dr Anthony Bonnici (Dok A), il-konvenut ikkostitwixxa ruhu debitur a favur ta' l-attur fis-somma ta' elfejn u mitt Liri Maltin (Lm2100) rappresentanti bilanc tal-poloz ta' vettura ossia van tal-marka Ford Escort, numru ta' registrazzjoni CAG 399 kopja tal-log book (Dok B).

Illi inoltre u ai termini ta’ l-istess ftehim, il-konvenut obbliga ruhu illi jhallas id-debitu ta’ Lm2100 fuq indikat lill-attur f’pagamenti mensili ta’ mitt Lira (Lm100), bid-dekadenza tal-beneficcju tat-terminu fl-eventwalita` illi l-konvenut jonqos milli jhallas tlett pagamenti konsekuttivi f’ammonti ekwivalenti.

Illi l-konvenut naqas milli jhallas pagamenti minnu dovuti ghal tliet darbiet konsekuttivi u ghalhekk iddekada mill-beneficcju tat-terminu.

Illi l-bilanc dovut mill-konvenut lill-attur jammonta ghall elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500).

Illi l-konvenut interpellat sabiex jersaq ghall-hlas baqa` inadempjenti u ghadu jutilizza l-vettura in kwistjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, fejn qed jigi mitlub illi t-Tribunal (1) jiddikjara u jiddeciedi illi l-konvenut naqas milli jaghmel hlas ghal tliet darbiet konsekuttivi, (2) jiddikjara u jiddeciedi illi l-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu, (3) jiddikjara illi l-bilanc dovut li ghadu ma thallasx jammonta ghal elf u hames mitt Lira (Lm1500) u (4) jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ elf u hames mitt Lira u fin-nuqqas jirritorna l-vettura u jaghmel hlasijiet sal-lum dovuti.

Ra r-risposta tal-konvenut, fejn gie ecceppit :

1. Preliminarjament, in-nullita` tal-avviz promotur stante illi l-atturi qed jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jaghti gudizzju dikjaratorju, kif rizultanti mill-ewwel tlett (3) talbiet kif dedotti fl-avviz promotur, u dan meta b’kull rispett dan l-Onorabbli Tribunal mhuwiex rivestit bil-kompetenza li jaghti gudizzji dikjaratorji.

2. Preliminarjament ukoll, it-talba fis-somma ta’ Lm1,500 flimkien mal-imghax li ddekorra sal-gurnata tal-prezentata tal-avviz jirrendi dan it-Tribunal inkompetenti ‘*ratione valoris’* a tenur tal-artikolu 760(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (vide **‘N. Calleja Trading Ltd- vs- Philip Giordmania’** (Citaz. Nru. 1175/2002GCD) deciza 04/11/2004.

3. Illi t-talbiet attrici kif dedotti huma intempestivi u anke infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-partijiet kienu lahqu ftehim gdid bejniethom illi permezz tieghu l-eccipjent kellu jibda jeffettwa hlasijiet rateali fis-somma ta' Lm60 fix-xahar, kien gie accettat l-ewwel hlas b'din is-somma rateali mensili pero l-atturi ma ridux ikomplu jonoraw il-ftehim gdid minnhom milhuq mal-eccipjent u ippretendew illi unilateralment jirrivertu ghar-rata mensili minnhom pattwita u rrifjutaw li jkomplu jaccettaw il-hlas bir-rata mensili l-gdida hekk miftiehma.

4. Illi l-eccepjent huwa dispost illi jkompli jonora l-hlas tal-pagamenti mensili fis-somma ta' Lm60 kif miftiehem.

5. Illi f'kull kaz l-eccipjent m'ghandux ibati spejjez u kundanna ghall-hlas tal-imghax.

Ra l-verbal tat-28 ta' Frar 2006 fejn gie dikjarat illi kellhom qabel xejn jigu trattati l-ewwel zewg eccezzjonijiet ;

Sema` t-trattazzjoni tal-konsulent legali tal-konvenut maghmula fl-20 ta' April 2006, ghall-liema seduta l-Avukat ta' l-atturi ma attendewx ;

Ikkunsidra :

Illi l-konvenut qed jecepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal in vista tal-fatt illi l-attur qed jitlob gudizzju dikjaratorju, u l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal 'ratione valoris' stante illi l-ammont mitlub ta' elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1500) flimkien ma' l-imghax li ddekorra sal-gurnata tal-prezentata jeccedu l-limitu ta' LM1500 mposti bl-Artikolu 3 (2) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar t-tieni eccezzjoni, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-Artikolu 3(c) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, anke jekk jigi osservat illi mkien fl-Avviz ma hemm talba ghall-imghaxijiet. Ghal dawn ir-ragunijiet t-tieni eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-Artikolu fil-Ligi illi jaghtih il-gurisdizzjoni – l-Artikolu 3 (2) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta’ Malta – li jghid espressament illi it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma` u jaqta` t-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont ta’ mhux izjed minn elf u hames mitt Liri Maltin.

Filwaqt illi t-Tribunal jinnota illi l-Artikolu 3(5) tal-Kap 380 jelenka propju dak illi ma` jaqax fil-kompetenza tat-Tribunal anke jekk it-talba ma tkunx teccedi l-elf u hames mitt Liri Maltin – (msemmija kwistonijiet dwar propjeta` ta’ bini immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma’ l-immobbli) pero` mkien ma huwa stipulat fil-ligi illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar mhux kompetenti illi jaghmel dikjarazzjoni sabiex jasal biex jiddeciedi pendenza fuq somma li ma teccedix l-elf u hames mitt Liri Maltin – bhal fil-kaz odjern.

Kazijiet simili huma dawk l-eluf decizi mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar rigwardanti kollizzjonijiet bejn vetturi fejn it-talba ghad-dikjarazzjoni tal-htija dejjem giet deciza sabiex it-Tribunal jasal biex jikkundanna il-hlas da parti ta’ wiehed mill-kontendenti versu l-iehor. Huwa b’hekk biss illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikun jista` mbaghad jghaddi biex jiddeciedi l-pendenza quddiemu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha rilevanti, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

L-ispejjes ta’ din l-istanza huma rizervati ghal gudizzju finali ta’ din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------